.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Mejju, 2002**

**Numru 4**

**Cit. Nru. 952/01(F1) GCD**

**U.C.I.M. Company Limited**

**Vs**

**Cutrico Services Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf tliet mija u disgha u ghoxrin lira (Lm1,329) rapprezentanti import ta' 10 kambjala, 1 ta' Lm33 (bilanc) u l-ohrajn ta' Lm144-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2000 sa Mejju 2001, u mhux imhallsa (annessi mac-citazzjoni u mmarkati bin-numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament);

Illi ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm1,329 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta` atrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. "A";

Talbet illi din il-Qorti:

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), u;

2. tikkundanna minnufih lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' Lm1,329 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala, li sas-16 ta' April 2001 jammontaw ghal Lm38 , oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001 kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Alfred Formosa u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat in-notaipprezentata llum li biha l-attrici naqqset it-talba ghal disgha u disghin lira (Lm99), imghax mit-22 ta' Novembru 2001 u spejjez tal-kawza.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni kif imnaqqsa, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm